MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Numru 1078/2004

Il-Pulizija
(Sp Michael Mallia)
vs
Jason Caruana, iben Joseph,
imwieled Pieta' fis-17 ta'
jannar, 1974

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-5 ta' awissu, 2004, waqt li kien il-Belt, Valletta għal ħabta tat-8.30 p.m., flimkien ma persuna oħra mhux magħrufa, ikkometta serq ta' hand-bag u diversi oġġetti fosthom flus kontanti u oġġetti tad-deheb, liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza, bil-valur, li jeċċedi l-mitt lira maltin (lm100) iżda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000), kif ukoll bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Maria Tabone, anzjana ta' aktar minn 65 sena mill-Belt, Valletta;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' l-istess Maria Tabone, hekk

kif iċċertifika Dr. H. Cordina M.D. mill-poliklinika ta' Floriana;
3. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, meta nstab ħati b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenżi saru definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi fil-5 ta' awissu, 2004 għal ħabta tat-8.30 p.m. Maria tabone marret l-għassa tal-Belt, Valletta u għamlet rapport li ftit tal-ħin qabel waqt li kienet miexja fi Strada Stretta ġiet aggredita minn żewġt irġiel li ħadulha l-handbag li kien fiha flus u deheb. Hi nfurmata lill-pulizija li hi għarfet raġel minnhom u mal-ewwel indikat lill-imputat. Fil-kors tal-informazzjoni li hi tat lill-pulizija hi qaltilhom li dan ir-raġel madwar xahar qabel kien bil-krozzi u kien igħin lil missieru li kien fil-'wheelchair'.

Illi ftit ġranet wara l-pulizija arrestat lill-imputat u meta ġie rinfaċċat b'dak li suppost għamel ċaħad li dak in-nhar kien għadda minn Strada Stretta. Hu stqarr mal-pulizija u fix-xhieda tiegħu bil-ġurament li dak in-nhar u f'dak il-ħin kien il-karnival u Strada Stretta ma kinitx it-triq tiegħu għad-dar. Miknbarra dan hu qal li qatt ma kien bil-krozzi. Dwar il-fatt li hu kien igħin lil missieru bil-'whellchair' hu stqarr li dak iż-żmien kien qed jiskonta sentenza ta' priġunerija.

Illi mill-verifiki li saru jirrizulta li l-imputat verament qatt ma kellu l-krozzi, li
f'dak il-ħin kien hemm l-attivita' tal-karnival u li kien il-ħabs.

Illi mhemmx dubju li Maria Tabone qalet dak li kienet taf lill-pulizija u tat ċertu dettalji li suppost igħinu li l-aggressur tagħha jiġi identifikat.  Min-naħa l-oħra
l-imputat jibbaża l-innoċenza tiegħu proprju fuq dawk l-istess dettalji.  Fiċ-ċirkostanżi hemm dubju serju jekk l-imputat verament wettaq dak ir-reat.  Tali dubju għandu jmur favur tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------